MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Numru. 118/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**
**vs**
**Rosa Sammut**
**Anthony Sammut**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Rosa Sammut, ta’ 47 sena, bint John u Carmena nee’ Deguara, imwielda ir-Rabat fit-8 ta’ Marzu, 1955 u li toqghod Farmhouse, Blata tal-Melh, il-Bahrija, L/O Rabat, detenrici ta’ karta tal-identita bin-numru 204455M u lil imputat Anthony Sammut, ta’ 51 sena, iben John u Carmena nee’ Deguara, imwieled ir-Rabat fis-27 ta’ Frar, 1951 u li joqghod Farmhouse, Blata tal-Melh, Bahrija L/O Rabat, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 217551M gew mressaq quddiemha akkuzati talli:

Bejn l-1 ta’ Settembru 2002 u l-11 ta’ Settembru 2002, gewwa il-Bahrija limiti tar-Rabat, b’diversi atti maghmulin

minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Volontarjament hassru, jew ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin, izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM235) ghad-detriment ta' Emanuel Micallef;

b) Volontarjament hassru, jew ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin, izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM320) ghad-detriment ta' Mario Meli;

c) Volontarjament hassru, jew ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin, izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM160) ghad-detriment ta' Mario Giordmaina;

d) Ukoll talli bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom f'porzjon ta' art fil-Bahrija, gieghlu bl-awtorita taghhom infushom, jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlu fi hwejjeg haddiehor;

Lill-Anthony Sammut wahdu talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu nhar il-15 ta' Novembru 2001, Qorti tal-Appell.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Frar, 2003 (esebit *a folio* 12 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2003 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw hsara volontarja li allegatament saret bejn l-1 u l-10 ta’ Settembru 2002 f’eghlieqi fil-limiti tal-Bahrija fi mnasab propjeta’ ta’ Emanuel Micallef, Mario Meli u Mario Giordmaina. L-imputati Rosa u Anthony Sammut li mill-provi rrizulta li jghixu fil-limiti tal-Bahrija u li ghandhom diversi bicciet art bi qbiela f’dawk l-inhawi f’dawn il-rpoceduri qed jigu akkuzati li kkagunaw l-imsemmija hsara kif ukoll li sabiex jezercitaw dritt li jipretendu fixklu lil haddiehor fil-pussess ta’ hwejgu jew altrimenti b’xi mod iehor indahlu fi hwejjeg haddiehor, u cioe bir-reat ta’ ragion fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm f’dawn il-proceduri xehdu it-tlett  persuni li allegatament saret il-hsara fil-propjeta’ taghhom u cioe’ Mario Meli, Emanuel Micallef u Mario Giordmaina, dawn ilkoll qalu li hadd minnhom ma kien ra personalment la lill-imputat Anthony Sammut u l-anqas lill-imputata Rosa Sammut ikissru u jaghmlu hsara fl-imnasab taghhom fl-eghlieqi fill-limiti tal-Bahrija. Huma qalu biss li kien hemm terzi persuni li kienu raw lill-imputati jaghmlu din il-hsara fil-propjeta’ taghhom.

Minn ezami bir-reqqa tal-atti processwali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha fil-konfronti tal-imputati fuq ix-xhieda moghtija minn Mario Schembri u minn Joseph Micallef ghaliex dawn kienu l-unika zewg persuni li xehdu li raw lill-imputati jaghmlu xi haga. Il-Qorti sejra ghalhekk tezamina fid-dettall dak li l-qalu l-imsemmija zewg xhieda sabiex tara jekk dak li qalu jistghax jitqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fid-dati msemmija fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputati huma kienu kkagunaw il-hsara msemmija fil-propjeta’ tal-parti civili jew altrimenti ezercitaw xi dritt li kienu jipretendu li jappartjeni lilhom billi fixklu lil parti civili fil-pusess tal-propjeta’ taghhom.

Mario Schembri xehed waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2003[1] fejn huwa spjega li fl-10 ta' Settembru 2002 kien qieghed il-Bahrija ghall-kacca u ra liz-zewg imputati jkissru l-imnasab ta' Mario Meli. Huwa qal li xi tlett kwarti wara li rahom ikissru gew il-Pulizija fuq il-post u huwa ra lill-imputata Rosa Sammut tkellem lis-Surgent tal-Pulizija u semaghha tghidilha 'inkisser kont u nkisser nibqa''. Huwa qal li dakinhar ma tkellem ma hadd. Huwa spjega li kien ra lil Rosa u lil Anthony Sammut ikissru l-imnasab bil-fies. Mario Schembri rega' xehed din id-darba in kontro-ezami waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2009[2] fejn qal li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien fl-ghalqa propjeta' ta Ninu Galea ghall-kacca sa mis-sebh u dam hemm sal-11.00am. Huwa qal li ghall-habta tat-8.00am jew id-9.00am kien ra lill-imputata Rosa Sammut tkisser il-mansab ta' Mario Meli bil-fies u spjega li maghha kien hemm huha Anthony Sammut. Huwa qal li raha taqla r-razzi u tkissirhom u li damet taghmel dan ghal madwar siegha. Huwa qal li kien qieghed distanza mhux hazin 'il boghod minn Rosa Sammut u meta raha tkisser ghajtilha izda hija kompliet tkisser. Huwa qal li lil Anthony Sammut ma rahx ikisser.

Joseph Micallef xehed waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2003[3] fejn huwa spjega li ghall-habta tal-ahhar ta' Awwissu jew tal-bidu ta' Settembru 2002 Mario Schembri kien qabdu sabiex jaghmillu xi xoghol ta' twittija tar-raba bil-gaffa fil-propjeta' tieghu fil-Bahrija. Huwa kien qed jaghmel dan ix-xoghol meta ra liz-zewg imputati bil-fwies f'idejhom li qalulu sabiex jieqaf mix-xoghol li kien qed jaghmel u huwa fil-fatt hekk ghamel, zarma l-gaffa u telaq minn fuq il-post. Dan ix-xhud qal li ra lil Rosa Sammut u lil Anthony Sammut ikissru l-imnasab bil-fwies u jaqilghu ir-razzi u l-klementi. Huwa qal li telaq minn fuq il-post meta gew il-Pulizija. Dan ix-xhud rega' xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2009[4] fejn spjega li x-xoghol li kien qed jaghmel bil-gaffa kien qed jaghmlu fl-ghalqa ta Mario Meli u li huwa ra lill-imputati Rosa u

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol.  42 tal-atti procseswali.
[2] Traskrizzjoni tax-xhieda relsttiva nserita a fol. 132 sa 138 tal-atti prrcesswali.
[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a a fol. 43 tal-atti processwali.
[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 139 sa 143 tal-atti porcesswali.

Anthony Sammut ikissru fl-ghalqa fejn kien qed jahdem hu. Hu spjega li dan kien ghall-habta tal-10.00am u li l-imputati qalulu sabiex jieqaf mix-xoghol li kien qed jaghmel u huwa hekk ghamel u stenna ftit tal-hin sabiex jigi sid l-art fuq il-post izda imbaghad telaq.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ma xehdux f'dawn il-proceduri izda a tempo vergine huma t-tnejn kienu rrilaxjaw stqarrija[5]. Anthony Sammut innega li huwa jew ohtu kienu ghamlu xi hsara fil-propjeta' ta' Emanuel Micallef. Huwa qal Illi fl-10 ta' Settembru kien nehha madwar ghoxrin razza li jiswew madwar Lm5 mill-ghalqa tieghu izda nnega li kien ghamel xi hsara fl-imnasab ta' Mario Meli jew f'dawk ta' Mario Giordmaina. L-imputata Rosa Sammut ukoll cahdet li kienet ghamlet xi hsara fil-propjeta' ta Emanuel Micallef. Meta mistoqsija dwar il-hsara fil-propjeta' ta' Mario Meli, Rosa Sammut qalet li fl-10 ta' Settembru 2002 hija kienet rat lil xi nassaba jidhlu fl-ghalqa taghha u jikkagunaw hsara u ghalhekk sabiex ma jergghux jidhlu hija qalghet xi razzi li kien hemm izda spjegat li dawn ir-razzi kienu jiswew biss madwar 25c il-wahda u qalet li hija hallithom fuq il-post u ghalhekk dawn setghu jergghu jintuzaw. Hija cahdet ukoll li kienet ghamlet xi hsara fl-imnasab ta' Mario Giordmaina.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li l-unika imputazzjoni li tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tal-imputata Rosa Sammut hija dik li tirrigwarda il-hsara kagunata fil-propjeta' ta' Mario Meli. Ix-xhieda Mario Schembri u Joseph Micallef it-tnejn indikaw li fl-10 ta' Settembru 2002 kienu raw lil Rosa Sammut taghmel din il-hsara fil-propjeta' ta' Mario Meli. Ghalkemm Joseph Micallef indika li kien ra liz-zewg imputati jaghmlu l-hsara fil-propjeta ta' Mario Meli ix-xhud Mario Schembri l-ewwel qal li kien ra liz-zewg imputati jaghmlu l-hsara fl-

[5] Stqarrija ta' Anthony Sammut tinsab inserita a fol. 21 tal-atti processwali filwaqt li l-istqarrija ta' Rosa Sammut tinsab inserita a fol. 25 tal-process.

imsemmija propjeta’ izda imbaghad sussegwentement meta xehed in kontro-ezami qal li kienet biss Rosa Sammut li kienet qed tkisser u li ma kienx ra lil Anthony Sammut jaghmel ebda hsara. Joseph Micallef inoltre l-ewwel qal li kien ra liz-zewg imputati flimkien jaghmlu l-hsara izda imbaghad qal li Rosa Sammut waslet fuq il-post wahidha u li Anthony Sammut gie wara. Il-Qorti jidrilha li una volta li jezisti dan id-dubju jekk effettivament Anthony Sammut kienx ghamel il-hsara dan id-dubju ghandu jimmilita favur tieghu u huwa mhux ser jinstab hati li kkaguna l-hsara flimkien ma ohtu fil-propjeta ta’ Mario Meli. Dwar l-imputazzjonijiet l-ohra rigwardanti l-hsara kagunata fil-propjeta’ ta’ Emanuel Micallef u Mario Giordmaina l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li tindika li kienu z-zewg imputati li kkagunaw l-imsemmija hsara u l-imputati sejrin ghalhekk jigu dikjarati mhux hatja tal-imsemmija imputazzjonijiet.

Iz-zewg imputati jinsabu wkoll akkuzati bir-reat ta’ ragion fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali izda l-Qorti f’dan ir-rigward taqbel ma dak sottomess mid-Difiza u cioe’ li ma ngabet l-ebda prova li tindika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-propjeta’ li l-kwerelanti qed jallegaw li ghandhom titolu fuqha hija l-istess wahda li fuqha l-imputati qed jezercitaw xi drittijiet u dan stante li mill-provi rrizulta li l-istess imputati ghandhom qbiela fuq diversi eghlieqi fil-limiti tal-Bahrija izda ma rrizultax ghal-liema propjeta’ l-Prosekuzzjoni qed taghmel referenza ghaliha b’referenza ghall-ezercizzju ta pretended right.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata Rosa Sammut ghandha fedina penali nadifa u ghalhekk ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil-imputata Rosa Sammut hatja tal-imputazzjoni li kkagunat hsara volontarja fil-propjeta’ ta’ Mario Meli u cioe’ dik immarkata bhala (b) u tikkundannaha hames (5) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta sena (1) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputata Rosa Sammut mhux hatja tal-bqija

tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti tiddikajra lill-imputat Anthony Sammut mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------